# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 4**

**Rikors numru 622/96 AE**

**Mary Buttigieg u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2005 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Marlene Buttigieg, Joseph Buttigieg, Wilfred Buttigieg, Albert Buttigieg u Bernardette Kosik ulied l-attrici li mietet fit-30 ta' Marzu, 2004**

**v.**

**John Polidano u b'digriet moghti fit-28 ta' Jannar 2005 gew nominati Dr. Vincent Galea u PL Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-wirt ta' John Polidano; Perit Carmel Busuttil u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2010 il-Qorti awtorizzat li l-kawza titkompla f'isem uliedu Antonia Deguara, Dominic Busuttil, Katrina Busuttil, Alexander Busuttil u Kristina Busuttil peress li miet fl-10 ta' Dicembru, 2008, Perit Carmel Busuttil, Anton Camilleri bhala Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar u peress li l-funzjonijiet tal-istess Direttur ghaddew fi hdan l-Awtorita` tad-Djar u ghalhekk l-Awtorita` tad-Djar assumiet l-atti minflok l-istess Direttur**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-26 ta' Frar, 1996, li permezz taghha, l-attrici Mary Buttigieg ressqet is-segwenti talbiet:

> "Peress illi fil-hmistax (15) ta' Frar, 1995, waqt li l-konvenuti John Polidano u Perit Carmel Busuttil, fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-iehor Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta' hatt ta' bini ma gemb il-fond residenzjali tal-istanti numru 176 (mija u sitta u sebghin), St.Ursula Street, Valletta, kkagonaw it-tigrif tal-istess dar.
>
> "Peress illi b'rizultat ta' dan l-incident l-istanti sofriet danni kbar billi oltre li tilfet l-uzu tar-residenza taghha, giet distrutta kwazi totalment l-ghamara u diversi oggetti ohra fid-dar taghha kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> "Peress illi l-konvenuti naqsu li jirriparaw il-fond residenzjali ta' l-istanti pero l-konvenut Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar obbliga ruhu li jipprovdi lill-attrici akkomdodazzjoni alternattiva ekwivalenti.
>
> "Peress illi l-incident imsemmi gara bi htija tal-konvenuti ilkoll jew min minnhom minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' prudenza u ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> "Peress illi minkejja li gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenuti baqghu inadempjenti.
>
> "Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:
>
> "1. Tiddikjarahom ilkoll, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident imsemmi tal-hmistax (15) ta' Frar, 1995 li fih sfat imgarfa d-dar residenzjali ta' l-attrici, u ghad-danni kollha li sofriet l-istess attrici b'konsegwenza tal-istess.
>
> "2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-operat ta' perit nominand.
>
> "3. Tikkundannhom ilkoll jew min minnhom, ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta' danni.
>
> "Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tad-9 ta' Marzu, 1995 u tas-26 ta' Jannar 1996 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Anton Camilleri bhala Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, li permezz taghha nghad:

> "1. Illi t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:
>
> "(a) Illi x-xoghol tat-twaqqiegh sar mill-kuntrattur John Polidano b'kuntratt ta' appalt liema kuntratt kien jghid specifikament li kwalunkwe danni kagunati lil terzi minhabba xoghol ta' demolizzjoni huma responsabilita' tal-istess kuntrattur;
> "(b) Illi l-esponenti kien gharraf lill-attrici u obliga ruhu li l-Gvern permezz tad-Dipartiment ghall-Akkomadazzjoni Socjali ser itiha post alternattiv liema post qed jitlesta u ser ikun ahjar mill-fond li qed toqghod fih prezentament;
> "(c) Illi inoltre l-attrici accettat li tiehu dan il-post alternattiv tant li gejja u sejra fl-ufficcju tal-esponenti biex tara l-progress tax-xoghol li qed isir fih;
> "(d) Illi dan l-esponenti ghamlu minghajr ma assuma ebda responsabilita' ghad-danni kawzati;
>
> "2. Salv eccezzjonijiet ohra;
>
> "3. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Polidano li permezz taghha jsostni:

> "1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma diretti kontra l-eccipjenti stante li huwa ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attrici billi l-incident mertu tal-kawza ma garax b'tort tal-eccippjenti ghax la kien negligent u lanqas traskurat fit-twaqqiegh tal-proprjeta`.
>
> "2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit Carmel Busuttil li da parti tieghu jeccepixxi:

> "1. Illi, preliminarjament, huwa ma gie moghti l-ebda inkarigu mill-attrici u lanqas m'ghandu xi relazzjoni guridika ohra ma' l-attrici.

> Konsegwentement l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> "2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ma tista' tigi addebitata l-ebda htija skond il-ligi lill-eccipjent sa fejn huwa kien effetivament involut fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet.
>
> "3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Marzu, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi; (1) cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-werrieta tal-perit Carmel Busuttil, bl-ispejjez a karigu taghhom; (2) laqghet l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti Busuttil u Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, u cahdet it-talbiet tal-attrici in kwantu dawn huma indirizzati fil-konfront taghhom, bl-ispejjez a karigu tas-successuri tal-attrici; (3) cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut Polidano, u laqghet it-talbiet tal-atturi kontra tieghu, u ikkundannat lill-kuratur nomine ihallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef u tnejn u erbghin ewro (€8,042) u l-ispejjez, bl-imghax mill-31 ta' Mejju 2002 (data meta l-perit tekniku de Gaetano ikkonferma r-rapport bil-gurament); bl-ispejjez tal-kuratur jithallsu provizorjament mill-atturi bi dritt li jirkuprawhom mill-wirt ta' Polidano.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha, wara li ghamlet numru ta' konsiderazzjonijiet, li ghall-intendiment ahjar tal-istess appell, ser tigi riprodotta parti minnha:

> "Mill-atti jirrizulta li Polidano kien inghata tender sabiex iwaqqa' bini li jmiss mal-bini fejn kienet tghix Buttigieg.

"Il-perit Busuttil kien iddikjara li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma nghata l-ebda inkarigu mill-attrici. Eccezzjoni li hi minghajr bazi ghaliex l-azzjoni li ghamlet l-attrici m'hijiex ghad-danni kuntrattwali izda danni akwiljani. Dan hu altru milli evidenti mill-premessi tac-citazzjoni fejn l-attrici iddikjarat: *"Illi l-incident imsemmi gara bi htija tal-konvenuti lkoll jew min minnhom minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' prudenza u ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti......"*.

"Il-qorti kienet inkarigat lill-perit David Pace sabiex jirrelata dwar it-teknika li ntuzat sabiex inhatt il-bini u dwar jekk kienx hemm nuqqasijiet li wasslu ghat-tigrif tad-dar tal-atturi (ara verbal a fol. 23). Il-perit tekniku rrelata:-

> "Kif jirrizulta mill-provi l-kuntrattur, cioe' l-konvenut Polidano, kien inghata struzzjonijiet mill-Perit tieghu, il-konvenut Perit Busuttil sabiex fit-twaqqiegh inehhi minn fuq ftit ftit, u dejjem ihalli d-dniefel u cioe' parti mill-bini mqabbad ma' dan il-hajt tal-genb tal-bini ta' l-attrici u dan skond l-istess Perit Busuttil sabiex il-bini tal-attrici jkollu counterfort matul il-faccata, cioe il-hajt li eventwalment kien waqa'. Hareg ukoll mill-provi illi anke meta saret xi ispezzjoni tal-bini ta' l-attrici diga' kien hemm indikazzjoni illi kienu jaghtu lok ghal certu preokkupazzjoni (vide per ezempju x-xhieda tal-Perit Sapiano dwar in-nuqqas ta' rbit tal-hajt li eventwalment waqa' mal-faccata tal-bini). Mix-xhieda tal-konvenut Polidano jidher illi t-twaqqiegh, almenu sa certu punt ta' l-esekuzzjoni ta' l-appalt, kien qed isir man mano illi kien tiela' l-bini gdid u cioe' illi titwaqqa' parti mill-bini l-antik u imbaghad jinbena x-xoghol tal-bini mill-gdid u sa dan it-tant titwaqqa' sezzjoni ohra biex jigi ppreparat il-lant halli jkompli l-bennej. **Pero' meta sar ittwaqqiegh ezatt mal-hajt tal-post ta' l-attrici u cioe' l-aktar punt kritiku, jirrizulta illi x-xoghol inhadem b'certu mod illi fl-ahhar ta' l-appalt il-hajt tal-post tal-attrici kien kollu mikxuf u mhux mifrud bil-counter fort illi ordna illi jsir u li jithallew il-Perit Busuttil hlief ghal sezzjoni zghira u cioe' l-faccata tal-bini l-antik fejn kien imqabbad mal-faccata tal-bini ta' l-attrici.** Dana pero ma kien jiswa ghal xejn ghaliex gialadarba l-hajt ta' l-appogg ma kienx marbut mal-faccata tal-bini ta' l-attrici dan il-bini li thalla mill-fond li kien qed jitwaqqa' kien iservi biss biex jirfed lateralment il-faccata tal-bini ta' l-attrici pero' mhux dan il-hajt it-twil ta' l-appogg. Dan il-hajt ghalhekk kien bla rfid laterali u minghajr irfid minn quddiem u cioe' minn fejn kien qed jitwaqqa' l-bini. L-esponent ihoss ili dan kien nuqqas serju, tenut kont ta' l-indikazzjonijiet ta' l-istat tal-bini ta' l-attrici fl-epoka qabel ma inbeda x-xoghol u cioe' meta saret l-ispezzjoni preliminari. Anke jekk kellu jigi accettat illi hadd ma kien jaf bl-ezistenza tal-hnejjiet fil-livell sotteranji li kienu qeghdin jerfghu l-bini ta' l-attrici ma kienx teknika korrett illi l-hajt jinkixef ghat-tul tieghu kollu u jithalla minghar irfid laterali adegwat ghaliex l-istabbilta' ta' l-istess hajt kienet giet kompromessa. Dina l-istabbilita' giet imbaghad imnehhija totalment meta kwalunkwe materjal tat-twaqqiegh li seta' kien hemm migbur mal-hajt u li forsi kien joffri xi ammont zghir ta' irfid tkaxkar mill-gaffa illi kienet qieghda ghaddejja mat-tul tal-hajt tnehhi l-materjal li kienet l-ahhar ftit protezzjoni kontra l-kollass tal-hajt.".

"Mehud in konsiderazzjoni l-fehma li esprima l-perit tekniku u li m'hijiex kontradetta minn xi provi ohra, il-qorti m'ghandix dubju li r-responsabbilta` ghall-akkadut hi tal-konvenut Polidano. Jirrizulta bl-iktar mod car li Polidano ma segwix l-istruzzjonijiet tal-perit Busuttil li kienu nghataw fil-bidu qabel beda jwaqqa' l-fond biswit ir-residenza tal-attrici. Ghalkemm Polidano jsostni li l-pedamenti kienu dghafin, ma jfissirx li m'ghandux igorr ir-responsabbilta ghall-eghmilu. Mill-atti hu evidenti li sa mill-bidunett kien maghruf li x-xoghol li kien ser jaghmel il-kuntrattur kien min-natura tieghu delikat, tant li r-residenti ntalbu johorgu minn darhom. Jirrizulta li kien biss dakinhar li waqa' l-bini li Polidano rega' kkomunika mal-perit Busuttil u talbu biex imur fuq il-post ghaliex minhabba l-konsenturi li ra fuq il-post. Il-perit Busuttil stess ikkonferma li ma kienx segwa l-process ta' demolizzjoni tal-bini gialadarba ma kienx gie infurmat mill-kuntrattur meta ser isir.

"L-istess perit xehed li fejn mhux possibbli li zzomm id-denfil, trid tara x'ser taghmel (fol. 167). Ovvjament f'dan il-kaz ma setax jara x'ser jaghmel ghaliex il-kuntrattur ma kienx gharraf lill-perit Busuttil li ser jibda jhott il-bini. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2001 Polidano xehed: *"Il-perit gie tana l-instructions x'ghandna naghmlu u safejn ma kellniex bzonn nghajtulu lill-perit m'ghajjatnilux; meta ghajjatnilu gie."* (fol 179). Hu evidenti li f'dawk ic-cirkostanzi Polidano ha r-responsabbilta fuq spallejh, u kien tard wisq meta kkomunika mal-perit Busuttil. Inoltre minn dak li rrelata l-perit tekniku, il-qorti hi moralment konvinta li l-mod kif il-kuntrattur hatt il-bini ma' gemb il-fond fejn kienet tghix l-attrici, wassal sabiex ikkompromettta l-istabbilta' tal-bini li jidher li kien diga' dghajjef. Fid-dikjarazzjoni guramentata (fol. 13) Polidano iddikjara li:-

i. "Qabel beda jwaqqa' kien kellem lill-inkwilini kollha biex johorgu minn hemm gew u jnehhu l-ghamara, izda *"L-attrici webbset rasha u baqghet gewwa."*. Ukoll jekk l-affarijiet graw kif jirrakkonta Polidano, li fir-realta' ma jirrizultax li graw hekk, ma jfissirx li m'huwiex responsabbli. Kien fid-dmir tieghu li x-xoghol iwettqu b'tali mod li jevita evitat li ssir hsara lill-hwejjeg ta' haddiehor. Mill-atti hu evidenti li Polidano naqas milli jsegwi l-istruzzjonijiet tal-perit Busuttil.

ii. "Fit-3 ta' Frar 1995 kien hemm spluzjoni ta' tanker gewwa Malta Drydocks li rieghed nofs Malta. Ma tressqet l-ebda prova li din l-ispuzjoni b'xi mod ikkontribwit biex jiggarraf parti mill-bini fejn kienet tabita l-attrici.

"Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex tal-fehma li gie ppruvat li hemm xi htija min-naha tal-perit Busuttil li rrizulta li ma kienx jaf li x-xoghol qieghed isir. F'tali cirkostanzi l-arkitett ma jistax jinzamm responsabbli minhabba xi difett ta' direzzjoni jew sorveljanza gialadarba l-kuntrattur jkun ghazel li ma jinfurmahx li beda x-xoghol. Fir-rigward tad-Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, ta l-appalt lil Polidano, u m'hemmx prova ta' *culpa in eligendo* min-naha tieghu fis-sens li l-appellat inghata lil xi persuna mhux idoneja biex taghmel ix-xoghol ta' demolizzjoni. Il-fatt li sehh l-incident m'hijiex prova ta' htija ta' dan il-konvenut. Skond it-tender document il-kuntrattur (Polidano) kellu jinkariga, kif fil-fatt

ghamel, perit *".... to assume responsibility for Demolition Works and the removal of the material so demolished."*. Ghalkemm jinghad li l-kuntrattur kellu l-obbligu li johrog polza ta' assikurazzjoni, *"for death of or injury to any person or for loss or damage during the course of the Demolition works and the removal of the material so demolished."*, mill-provi ma rrizultax jekk din il-polza qattx inharget.

"Il-qorti kienet inkarigat lill-perit Edward Degaetano sabiex jaghmel stima tal-hsara. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2002 ir-rapport gie kkonfermat bil-gurament. Il-perit tekniku rrelata li l-valur tad-danni relatati mal-mobbli li ntilfu jew saritihom il-hsara, hi ta' **tnax-il elf u sebgha u ghoxrin ewro (€12,027)**. Il-perit tekniku qasam ir-rapport f'hames taqsimiet:-

A. "Oggetti distrutti jew danneggjati identifikati u ezaminati.........€2,830 (Lm1,215);
"B. Oggetti distrutti u neqsin, izda identifikabbli b'riferenza ghar-ritratti li nghataw mill-attrici kif kienu qabel l-incident tal-15 ta' Frar 1995.....€2,709 (Lm1,163);
"C. Oggetti li l-attrici tallega li gew distrutti ghal kollox, izda li m'hemmx prova taghhom hlief l-allegazzjoni tal-attrici.....€4,395 (Lm1,887);
"D. Oggetti li l-attrici sewwiet u parti kbira minnhom hemm ricevuta....€1,440 (Lm618.25);
"E. Oggetti li gratilhom hsara waqt it-trasport jew meta kienu f'mahzen u fil-kustodja ta' terzi.............€652 (Lm280).

"Dwar id-danni m'hemmx provi ohra. Hu altru milli evidenti li f'dan ir-rigward hemm il-kelma biss tal-attrici. Il-qorti qeghda tifhem li meta l-attrici harget mid-dar ma nehhitx l-ghamara u l-mobbli kollha li kienu jinsabu fir-residenza taghha. Fil-fatt jidher li l-akkomodazzjoni alternattiva temporanja li nghatat ma kenitx kbira bizzejjed biex fih tpoggi l-ghamara kollha li kellha fil-fond in kwistjoni. Il-perit Anthony Sapiano xehed: *"Ahna speci bhala prekawzjoni, ghax gharafna li kien hemm certu periklu – periklu fejn tkun qed twaqqa' dejjem ha jkun hemm ma' l-appogg – inzertajna dak iz-zmien konna ghadna kemm bnejna blokk flats ftit izjed 'l isfel minnha u speci offrejnilha biex temporanjament toqghod fih u fil-fatt offrejnilha zewg flats, kienu zghar, f'wiehed minnhom kellha toqghod hi u fl-iehor kellha tiehu l-ghamara li kellha bzonn ghal dak iz-zmien kien ha jsir it-twaqqiegh."* (fol. 184). Min-naha l-ohra l-attrici xehedet li kienet inghata appartament zghir u *".... wara li nkisirli kollox tawhomli t-tnejn l-ohra biex inpoggi l-ghamara li salvajt."* (fol. 28). Jonathan Buttigieg, in-neputi tal-attrici, xehed li lill-attrici kienu *"Qalulha wkoll lin-nanna sabiex tispostja l-ghamara lejn l-appogg tan-naha l-ohra. Dan il-parir tawhuli l-Periti tal-Gvern."* (fol. 340) u li *"In-nanna kienet halliet ghamara taghha ma' l-appogg l-iehor kif qalulha. Wara li waqghet id-dar dhalt maz-ziju biex naraw insalvawx xi bcejjec pero kienet distrutta."* (fol. 342). F'dan ix-xenarju m'huwiex car kif l-attrici tallega li tilfet dawk l-oggetti kollha li jissemmew fir-rapport tal-perit tekniku,

> gialadarba li l-qorti tifhem li kienet segwiet il-parir tal-periti tal-Gvern u jidher li l-fond fejn kien hemm l-ghamara ma ggarrafx kollu (ara xhieda ta' Polidano fol. 359 u r-rapport tal-perit de Gaetano li rrelata dwar mobbli li sofrew hsara fl-incident meritu tal-kawza). Mill-provi m'huwiex car fejn kienu jinsabu l-mobbli li ntilfu fl-incident. F'dan il-kuntest, cjoe oggetti fit-taqsimiet B u C, il-qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' erbat elef ewro (€4,000). Fir-rigward tal-oggetti li jissemmew fit-taqsima D, il-qorti ser tilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' €1,212 mehud in konsiderazzjoni r-ricevuti li pprezentat u annessi mar-rapport tal-perit de Gaetano. Inoltre, fir-rigward ta' Taqsima E, ma nghatatx prova li l-hsara fil-mobbli saret bi htija ta' Polidano. Ghal kumplament ser tiddeciedi skond il-likwidazzjoni li ghamel il-perit tekniku."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar, bhala kuraturi ghall-wirt ta' John Polidano, li ghar-ragunijiet hemm imsemmija talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-16 ta' Marzu, 2012, billi tilqa' l-eccezzjoni taghhom u tiddikjara li huma mhumiex responsabbli ghal akkadut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati; fin-nuqqas u *in subsidium*, tirriforma s-sentenza imsemmija billi tiddikjara li l-appellanti m'ghandhomx ikunu unikament responsabbli ghall-akkadut, kif lanqas ma ghandhom ihallsu l-imghaxijiet fuq l-ammont ta' danni likwidati mid-data stabbilit mill-ewwel Qorti u cioe` mill-31 ta' Mejju, 2002.

Rat ir-risposta tal-appellat Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu imsemmija, issottometta li l-appell tal-appellanti ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Appell u Appell Incidentali ta' Marlene Buttigieg, f'isimha u bhala mandatarja ta' Bernardette Kosik, Joseph Buttigieg, Wilfred Buttigieg u Albert Buttigieg, li assumew l-atti minflok l-attrici Mary Buttigieg li mietet fil-mori tal-proceduri, li permezz taghhom talbu illi din il-Qorti; (i) tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-werrieta tal-perit Carmel Busuttil bl-ispejjez kontra taghhom; (ii) tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti Busuttil u Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront taghhom; (iii) tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Polidano u laqghet it-talbiet tal-atturi kontra tieghu; u ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti kollha u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti kollha u konsegwentement tiddikjarahom responsabbli ghad-danni kagonati lill-attrici u tikkundannahom, solidalment flimkien, ihallsu d-danni kif likwidati mill-espert tekniku; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta ghall-appell principali tal-appellati Dominic Busuttil, Antonia Deguara, Katrina Busuttil, Alexander Busuttil u Kristina Busuttil li assumew l-atti wara l-mewt ta' missierhom, il-Perit Carmel Busuttil, li permezz taghha qalu li s-sentenza appellata hija korretta in kwantu akkollat ir-responsabbilta` relativa lill-konvenut John Polidano u li l-appell interpost f'dan is-sens ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar, 2016, fejn Dr Raymond Zammit spjega lill-Qorti, li l-funzjonijiet tad-Direttur tal-Bini u tat-Tiswija tad-Djar ghaddew fi hdan l-Awtorita` tad-Djar, li ghalhekk assumiet l-atti minflok l-imsemmi Direttur. Il-partijiet taw ruhhom b’notifikati bil-bidla tal-isem tal-parti u sar l-annotament opportun.

Rat ir-risposta tal-appell incidentali tad-Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, li permezz taghha talab li l-appell incidentali ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-ahwa Buttigieg peress li f’dan l-istadju tali appell huwa kapriccjuz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-wirt ta’ John Polidano ghall-appell incidentali, fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-appell principali taghhom, talbu li l-appell incidentali jigi michud kull fejn jirrigwarda lil John Polidano, bl-ispejjez kontra l-appellanti incidentali.

Rat ir-risposta tal-ahwa Busuttil ghall-appell incidentali tal-ahwa Buttigieg.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ April, 2016, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li saret it-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti mill-avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu lill-konvenuti kuntrattur, perit u sid tal-fond biswit il-fond residenzjali li kellha l-omm f'numru 176, Triq Sant' Ursula, Valletta, wara li ggarfet l-istess dar, bil-konsegwenza li l-omm soffriet danni konsistenti t-telf t'uzu tar-residenza taghha, oltre li giet distrutta kwazi totalment l-ghamara li kellha fl-istess fond u diversi oggetti ohra fid-dar taghha. It-tezi attrici tikkontendi li l-incident gara minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' prudenza u hsieb, kif ukoll nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-konvenuti. Ghalhekk intalab li l-konvenuti jigu dikjarati lkoll responsabbli ghall-incident tal-15 ta' Frar, 1995, u ghad-danni konsegwenzjali, li jigu likwidati l-istess danni, okkorrendo bl-operat ta' perit nominand, u li jigu ikkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenuti.

Id-Direttur konvenut jikkontendi li l-kuntratt t'appalt mahrug minnu kien jispecifika li kwalunkwe danni kagunati lil terzi, minhabba x-xoghol ta' demolizzjoni, huma responsabbilta` tal-kuntrattur, u ghalhekk jghid li m'ghandux iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Jirrizulta inkontestat li l-konvenut Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar ipprovda lill-attrici Mary Buttigieg fond alternattiv sabiex tirrisjedi fih, waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, kif ukoll ghal wara l-incident li sehh.

Il-kuntrattur da parti tieghu cahad kwalunkwe responsabbilta` peress li jishaq li ma kienx la negligenti u lanqas traskurat fit-twaqqiegh tal-fond.

Il-perit Busuttil ressaq eccezzjoni ta' natura preliminari fejn sahaq li m'ghandux relazzjoni guridika mal-attrici u fil-mertu jichad li ghandu xi htija skont il-ligi u dan sa fejn huwa effettivament kien involut.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut perit Busuttil u peress li ma sar ebda appell minn dan il-kap tas-sentenza, jitqies li dan il-kap ghadda in gudikat.

In kwantu l-kap ta' responsabbilta`, l-ewwel Qorti sabet lill-kuntrattur unikament responsabbli ghall-akkadut u dan wara li saret referenza ghar-rapport tal-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti. Filwaqt li ghamlet referenza ghar-rapport tal-hsarat tal-perit Degaetano, imqabbad minnha biex jassistiha fl-indagini taghha, dik il-Qorti ghaddiet sabiex illikwidat l-ammont li fil-fehma taghha kien dovut lill-attrici, liema likwidazzjoni saret in parti *arbitrio boni viri*, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, u ikkundannat

lill-kuratur nomine jhallas lill-atturi s-somma ta' €8,042, bl-ispejjez u bl-imghax mill-31 ta' Mejju, 2002.

Peress li kemm l-ewwel aggravju tal-appell principali, kif ukoll dak tal-appell incidentali, jindirizzaw l-aggravji rispettivi taghhom ghall-kap tas-sentenza rigwardanti r-responsabbilta`, din il-Qorti sejra tghaddi biex titrattahom f'daqqa.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti taqbel perfettament mal-kostatazzjonijiet tal-ewwel Qorti, f'dak li jirrigwarda r-responsabbilta` tal-kuntrattur. Jirrizulta mill-provi li dan ma segwiex l-istruzzjonijiet moghtija mill-perit fejn kien irrakkommanda li jithallew id-dniefel biex il-bini jkollu "*counterfort across the façade*" li eventwalment waqghet. Dan in-nuqqas kien meqjus mill-perit tekniku mahtur mill-Qorti bhala wiehed serju, aktar u aktar meta wiehed iqis l-indikazzjonijiet tal-istat tal-bini, sahansitra qabel ma kien inbeda x-xoghol, kemm meta kien rakkommandat li r-residenti tal-binja biswit dik li kienet ser titwaqqa` li kellhom jigu rilokati, kif ukoll meta saret l-ispezzjoni mill-partijiet koncernati, madwar tliet gimghat qabel ma ggarfet l-istess binja. Huwa obbligu tal-kuntrattur li jesegwixxi x-xoghol bla ma jikkaguna hsara lis-sid u lill-terzi, u ghandu hu stess, anke fl-assenza ta' istruzzjonijiet mill-perit, jara li x-xoghol li jwettaq ikun ta' fejda ghal min inkarigah u ta' ebda hsara lill-terzi.

Ghaldaqshekk din il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti, f'dak li jikkoncerna r-responsabbilta` tal-kuntrattur ghall-konsegwenzi tat-tigrif tal-bini, bhala taghha wkoll, u ma ssibx raguni valida sabiex tillibera l-istess kuntrattur ghall-akkadut.

Madankollu, il-kwezit li ghandu jigi indirizzat minn din il-Qorti huwa jekk il-kuntrattur li kien inkarigat mix-xoghlijiet ghandux iwiegeb ghall-akkadut wahdu jew flimkien mal-perit inkarigat minnu u/jew mas-sid tal-fond fejn kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet.

L-appellanti kuraturi jikkontendu li l-perit Busuttil ghandu jgorr ir-responsabbilta` shiha ghall-akkadut jew flimkien mal-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet peress li jsostnu li d-direzzjoni moghtija mill-perit ma kienitx teknikament korretta.  Dan qieghed jinghad minnhom fis-sens li jishqu li l-kuntrattur segwa l-istruzzjonijiet li ta l-perit, u ghalhekk l-istess perit kellu jgorr ir-responsabbilta`.  Fir-rigward ta' dan ir-ragunament, din il-Qorti ssibha difficli li taccettah, peress li ladarba, kif inghad qabel, mill-provi irrizulta li l-kuntrattur ma segwiex fis-shih dak il-parir moghti lilu mill-perit, allura ma jista' qatt jiskolpa lilu nnifsu.  Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru, 2003, fl-ismijiet **Perit Alexander Bezzina et v. Joseph Mizzi noe**: "*xoghol ta' perit huwa ta' pariri u supervizjoni, izda mhux hu li effettivament iwettaq ix-xoghol; ta' dan huwa responsabbli il-kuntrattur*".

Min-naha l-ohra, meta l-atturi jappellaw incidentalment isostnu wkoll li perit inkarigat mix-xoghlijiet ghandu jassigura mhux biss li jaghti d-direzzjoni dwar kif ghandhom jitwettqu x-xoghlijiet, izda ghandu jassigura wkoll li dawk id-direzzjonijiet u l-istruzzjonijiet li jaghti jigu effettivament segwiti.  Il-Qorti hija propensa li taqbel ma' dan l-argument.  Dan qieghed jinghad peress li l-perit inkarigat stqarr li, ghalkemm kien prezenti ghall-ispezzjoni tal-bini fejn kienet toqghod l-attrici, li saret ftit qabel it-tieni fazi tal-progett fejn kellha titwaqqa' l-binja b'appogg dik fejn kienet toqghod l-attrici, huwa jghid li peress li kien jonqos li jinqatghu d-dawl u l-ilma qabel ma kellhom jinbdew ix-xoghlijiet, u li hadd ma infurmah li effettivament kien inbeda x-xoghol ta' twaqqiegh, hu qatt ma segwa x-xoghol ta' twaqqiegh imwettaq mill-kuntrattur.

Fil-fehma tal-Qorti, izda, din il-verzjoni tal-perit mhijiex skuzanti ghar-responsabbilta` tieghu.  Ghalkemm jirrizulta li ghadda ftit taz-zmien bejn l-ewwel fazi tal-progett fejn twaqqa' l-bini li kien jaghti ghal fuq Triq il-Bjar, kantuniera ma' Triq San Nikola, u t-tieni fazi tal-progett li kien it-twaqqiegh tal-bini bejn Triq San Nikola u Triq Sant' Ursola, dan il-waqfien fi kliem il-perit Sapiano (inkarigat mid-Dipartiment, sid tal-progett) kien proprju sabiex jigi verifikat l-istat tad-dar fejn kienet toqghod l-attrici, in vista tal-konsenturi li hargu fil-faccata.  Ghal din l-

ispezzjoni kulhadd kien prezenti u seta' jara s-sitwazzjoni li kienet evidentement qeghda tippreokkupa lil kull min kien prezenti u kien jaf sew li x-xoghol li kellu jsir kien biswit binja ohra, li diga` kienet tidher mwieghra. Ladarba saret l-ispezzjoni, il-perit Busuttil beda jaghti l-istruzzjonijiet lill-kuntrattur Polidano kif kellhom isiru x-xoghlijiet, u kull ma kien jonqos kien li jinqatghu d-dawl u l-ilma, li evidentement ma kienitx xi haga li kienet tehtieg tul ta' zmien. Wiehed ma jistax jifhem kif il-perit ihalli jghaddu tliet gimghat u lanqas jipprova jivverifika f'liema stadju waslu x-xoghlijiet li huwa accetta li jissorvelja meta dahal ghall-inkarigu moghti lilu mill-kuntrattur.

Ghalkemm huwa minnu li kif johrog mill-kliem uzat fl-istess ligi taht in-nota ghall-paragrafu 10 tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, periti mhumiex mistennija li joqghodu fuq lant partikolari tax-xoghol minn filghodu sa filghaxija, madankollu huma mistennija li jaghmlu supervizjoni, li permezz taghha jkunu jistghu jassiguraw li x-xoghol isir sew. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sentenza tal-20 ta' April, 2004, fl-ismijiet: **Tarcisio Sultana v. il-Perit Carm Lino Spiteri et**:

> "*L-ewwel zewg noti li hemm ma' dan il-paragrafu jkomplu jghidu hekk: (1) Id-drittijiet specifikati f'dan il-paragrafu ma ghandhomx ikopru s-sorveljanza kostanti tax-xoghol izda dik is-sorveljanza biss li tista' tehtieg ghall-fini tar-responsabbiltà professjonali ta' l-arkitett skond kull ligi relattiva li tkun f'xi zmien issehh u li tista' tinhtieg biex jigi zgurat illi x-xoghlijiet ikunu qed jigu maghmula in generali skond il-kuntratt….*
> *… Dan juri illi, ghalkemm huwa minnu, kif qal il-konvenut stess, illi ma hux mehtieg li hu joqghod il-hin kollu fuq il-post tax-xoghol biex jara li x-xoghol isir sew, huwa parti mid-dmir tal-perit li jaghmel dik is-*

> *sorveljanza li tkun mehtiega biex jara li x-xoghlijiet ikunu qeghdin isiru skond il-kuntratt u li ma jsirux tibdiliet sostanzjali mid-disinn approvat.*"

Hekk ukoll f'sentenza ohra tal-istess Qorti tad-9 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet **Espedito Zammit v. L-Onorevoli Perit Michael Falzon**, intqal:

> "*Id-direzzjoni tax-xoghol hija attribwita lill-perit li:*
> "*(a) Ghandu d-dmir li jassikura ruhu li ghal dak li hija s-solidita' tal-bini, il-kostruzzjoni ssir sewwa u skond is-sengha;*
> "*(b) Ghandu juza l-abilita u d-diligenza mehtiega biex fl-esekuzzjoni tal-bini xejn ma jsir li jista' jikkaguna perikolu jew hsara;*
> "*(c) Mhux bizzejjed li jsaqsi lill-bennej x'inhu jaghmel u joqghod fuq dak li jghidlu l-bennej; imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza (Ara f'dan ir-rigward sentenza riportata fil-Volum XLII. I. 517).*"

Huwa ritenut li dawn id-dmirijiet japplikaw ukoll meta perit ikun inkarigat mix-xoghlijiet ta' twaqqiegh ta' bini, aktar u aktar meta dan ikun konfinanti ma' bini ta' terzi. Perit ma ghandux jaghti istruzzjonijiet u joqghod jistenna li jigi imsejjah fuq is-sit, izda ghandu hu stess isegwi x-xoghol billi, jekk hemm bzonn, jattendi fuq is-sit f'xi hin kuljum biex jara li l-istruzzjonijiet tieghu jkunu qed jigu segwiti. Fil-fatt, fil-kawza **Marianna Cini pro et noe v. Paolo Galea et** deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 1958, (li ghaliha irriferiet il-Qorti fil-kawza precedenti) inqal li:

> "Dover ghalhekk formalment assunt u impost mil-ligi, tal-perit, huwa dak li juza l-abilita' u d-diligenza mehtiega biex fl-esekuzzjoni ta' dak il-bini xejn ma jista' jikkaguna perikolu jew hsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu se jahdmu tahtu jkunu licenzjati, u anke jekk licenzjati, ghandu jidderigi huwa nnifsu u jissorvelja x-xoghol, b'mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha li jikkrejaw perikolu. Mhux bizzejjed ghall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jaghmel, imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza."

Dan jghodd appuntu ghall-kaz in ezami, ghax il-perit naqas li personalment jara li x-xoghol isir skont is-sengha u l-arti, u jassigura li l-istruzzjonijiet li ta jkunu qed jigu segwiti fedelment. Il-perit naqas li jimxi ma dak li l-gharfien tas-sengha professjonali tieghu messu wrieh li kellu jiehu hsieb jara li jsir u ma sarx. Il-htija tal-perit tissarraf fl-inadempiment ta' *standard* ta' imgieba li kien mistenni minnu u minn kull perit arkitett iehor fil-qaghda tieghu.

Jirrizulta li dan l-aggravju ghalhekk ghandu jintlaqa' peress li huwa meqjus li l-perit konvenut f'dan il-kaz, naqas mid-doveri tieghu, meta ma komplix isegwi x-xoghlijiet ta' twaqqiegh li kien inkarigat minnhom mill-kuntrattur, liema inkarigu huwa kien liberalment accetta li jwettaq u li kellu d-dmir li jwettaq b'diligenza u konsistenza, hekk kif titlob l-istess professjoni tieghu.

L-atturi appellanti incidentalment, jishqu wkoll li anke sid il-progett, f'dan il-kaz id-Dipartiment konvenut, (illum l-Awtorita` li assumiet l-atti minfloku) ghandu jigi mizmum responsabbli flimkien mal-kuntrattur u l-perit, peress li huwa wkoll kellu d-dover u l-obbligu li jsegwi x-xoghol u jara li dak kollu mehtieg kien qieghed effettivament qieghed isir, sabiex jassigura li ma tigrix hsara fil-proprjeta` tal-girien. Huma jargumentaw li sid ta' fond ma jistax jiskarika l-htija fuq kuntrattur li jkun hadimlu, mhux biss a bazi tal-*culpa in eligendo* (Artikolu 1037 tal-Kodici Civili), izda

wkoll peress li min bil-hsieb jew minghajr hsieb jaghmel hsara, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' ghaqal, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili). Dan id-dmir huwa accentwat mill-appellanti fil-kaz odjern, peress li s-sid kien Dipartiment mghammar bil-periti, li kellu ghalhekk id-dmir li jhares il-proprjeta` tal-girien mill-hsara, billi jaccerta ruhu li l-kuntrattur jahdem skont l-arti u s-sengha, u dan specjalment meta wara l-ispezzjoni li saret, huwa wkoll kien ben konsapevoli tal-perikolu reali ta' tigrif tad-dar fejn kienet toqghod l-attrici.

Fuq dan il-punt, din il-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza taghha tat-28 ta' Frar, 2014, fl-ismijiet **Dr. Tatiana Bonnici et v. Nicolsons The Supermarket Ltd. et**, fejn intqal is-segwenti fuq il-materja in kwistjoni, li huwa ritenut ghandu japplika ugwalment ghall-kaz odjern:

> "Min-naha l-ohra, s-socjeta' msemmija lanqas ma tista' tipprova titfa' l-htija fuq Nicholas Balzan, il-kuntrattur minnha mqabbad biex iwettaq ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, l-atturi sofrew danni, isegwi li dik il-persuna ma kinitx kompetenti f'xogholha, u ghal konsegwenzi ta' din l-inkompetenza, ibatu wkoll is-sidien, is-socjeta' Nicholas The Supermarket Ltd (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 1988 u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fit-30 ta' Novembru 2010 li fiha wara rassenja ta' gurisprudenza inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilta` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). F'dan il-kaz, ghalkemm il-periti perizjuri jghidu li Nicholas Balzan hadem "bil-ghaqal hafna", jirrizulta li hu naqas milli jiehu certi prekawzjonijiet u naqas li jagixxi kif trid is-sengha f'kull ma ghamel, u kwindi ghan-nuqqasijiet tieghu, fil-konfront ta' min sofra l-hsara, tahti wkoll u b'mod solidali min qabdu. Dan peress li l-grad ta' responsabbilta` ma tistax tigi spezzata bejn ir-responsabbli (ara Cini v.

Galea et deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1958 u Abela v. Bonnici deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 1958). Meta sid proprjeta` jinkariga terzi biex jghamillu certu xoghol fil-proprjeta` tieghu, ghad-danni li jistghu jsofru terzi, jahtu t-tnejn, is-sid u l-kuntrattur impjegat, b'mod solidali, u ma jistax wiehed jitfa' t-tort fuq l-iehor.

"Studju dwar l-effett tal-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili, u r-responsabbilta` tal-kommittent, sar minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma, din id-darba deciza fil-5 ta' Marzu 2010 fejn intqal hekk:

> "Il-ligi taghna taht il-Kodici Civili tahseb ghall-qaghda bhal din fl-Artikolu 1037 li jipprovdi illi "kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi";

"In linea ta' principju generali fuq dan il-punt hu sottolinejat mit-Trimarchi ("La responsabilita' per fatto dei dependenti", RDC 1959, 22) illi "opportunamente il rischio viene addossato all'imprenditore, il quale puo` prevederlo meglio del singolo malcapitato che volta per volta ne e` vittima: cio che e` fortuito per quest'ultimo non e` fortuito per il primo, bensi conseguenza calcolata di una propria iniziativa. E percio l'imprenditore puo meglio premunirsi contro il rischio, assicurandosi. Viene cosi garantito il risarcimento al danneggiato e soddisfa in tal modo un'esigenza che non dipende solo da considerazioni umanitarie, bensi anche dalla consapevolezza del grave danno economico e sociale derivante dall'abbattersi improviso della sventura su chi e` impreparato di fronte ad essa." Hu bl-istess mod konsimili anke jekk mhux ghal kollox identici ghall-kliem appena riportati, illi jesprimi ruhu l-Franzoni ("Dei fatti illeciti", Ed. Utet 2004, pagna 234);

… … …

"Issa huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-ligi taht il-Kodici taghna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabbilta` f'min ihaddem jew fil-kommittent fuq il-principju tal-kolpa dovuta ghall-ghazla tad-dipendenti (culpa in eligendo). B'danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbaghad ghall-alternattiva tal-ezami oggettiv tar-rizultanzi istruttorji, apparti dik soggettiva bl-uzu tal-preposizzjoni "jew". Dan kif gia` senjalat in extenso mill-Qorti tal-Appell, sede civili, fil-kaz, "It-Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija", deciz fl-1 ta' Marzu 1988.

"Imprexxindibilment minn nozzjoni tal-culpa in eligendo jidher li hu l-orjentement gurisprudenzjali ta' dawn l-ahhar snin illi r-responsabbilta` fil-kommittent jew f'min ihaddem hi wkoll presupposta ghall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xoghol jew tad-dipendenti tieghu. Ara, fost ohrajn, is-sentenzi esebiti fl-atti fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawence Ciantar nomine, Prim'Awla Qorti Civili 6

> ta' Ottubru 2002 per Imhallef David Scicluna u Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et, Prim'Awla Qorti Civili 12 ta' Dicembru 2002 per Imhallef Raymond Pace."
>
> "Ovvjament fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, il-hlas irid eventwalment isofrieh min effettivament wettaq il-hsara, izda fil-konfront tal-vittma tal-hsara, ir-responsabbilta` hija wahda solidali. Kwindi, fuq dan il-punt, l-atturi wkoll appellanti ghandhom ragun, ghax la darba s-sid huwa responsabbli ghal agir negligenti ta' dak imqabbad minnu biex jaghmillu xi haga, ir-responsabbilta` tas-socjeta' Nicholsons The Supermarket Ltd (skont l-ewwel Qorti, ghal 45% tal-hsarat) u ta' Nicholas Balzan (ghal 30%) hija wahda solidali. Kienu dawn, indipendentement mid-difetti originali li seta' kellu l-bini, li taw lok ghall-hsara."

Huwa interessanti wkoll, u aktar dirett ghall-punt, dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Lawrence Formosa pro et noe v. Winex Holdings Ltd. et** deciza fil-31 ta' Ottubru, 2014, fis-sens illi:

> "In tema legali jgi osservat li Winex bhala sid tal-fond u li kella l-pussess tal-istess, kellha l-obbligu li tassigura li bix-xogholijiet li kienu qed isiru fuq il-proprjeta` taghha, u fuq inkarigu taghha, ma ssirx hsara lill-proprjeta` ta' terzi, u f'kaz li jsiru danni, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern, ghandha ggorr ir-responsabilita' taghha fir-rigward."

Din il-Qorti qieset ukoll l-argument tad-Direttur appellat li fil-kuntratt huwa kellu kundizzjonijiet cari fejn kien qieghed jorbot lill-kuntrattur, sabiex jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega, u sabiex jassigura s-sigurta` tal-proprjeta` ezistenti u li l-kuntrattur kellu jaghmel tajjeb ghal kull hsara li tista' ssir lill-proprjeta` tal-Gvern jew ta' terzi. Madankollu, huwa ritenut li, ghall-attrici, dan il-kuntratt hu *res inter alios acta* u ghalhekk id-difiza tad-Dipartiment ma tistax tirnexxi billi tistrieh fuq dak li jinghad fil-kuntratt bejnu u bejn il-kuntrattur. (ara f'dan is-sens ukoll

sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-13 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet **Ignatius Busuttil v. Transport Malta et**).

Ghalhekk dan l-aggravju tal-atturi appellanti jirrizulta misthoqq u konsegwentement ser jintlaqa' wkoll.

It-tieni aggravju fl-appell incidentali huwa dak ibbazat fuq il-likwidazzjoni ta' danni hekk kif imwettqa mill-ewwel Qorti. L-atturi appellanti jsostnu li t-tnaqqis imwettaq mill-ewwel Qorti fil-komputazzjoni taghha kien wiehed arbitrarju u mhux gustifikat. Din il-Qorti rat l-ezercizzju mwettaq minn dik il-Qorti izda ma ssib xejn x'ticcensura f'dan ir-rigward. Jigi innotat li l-espert tekniku fil-kompilazzjoni ta' danni li ghamel, kien wiehed ghaqli hafna fis-sens li qasam l-oggetti f'hames taqsimiet sabiex jiddistingwi dawk l-oggetti li kienu danneggjati u identifikati, dawk li kienu issewwew hekk kif jirrizulta mil-ircevuti, ohrajn li gew danneggjati waqt li kienu qeghdin jigi trasportati minn terzi, dawk l-oggetti li setghu jigu identifikati mir-ritratti u dawk l-oggetti li allegatament gew distrutti ghal kollox, li m'hemm ebda prova taghhom hlief ghall-kelma tal-attrici. L-ewwel Qorti wara li ippremettiet illi l-attrici addottat il-mizuri suggeriti lilha mill-konvenuti, meta tefghet l-affarijiet li ma setghetx iggorr maghha, fuq in-naha l-ohra tal-fond li ma ggarrafx, li jirrizulta mill-provi li sussegwentement ingarrew a karigu tal-kuntrattur, mhux car kif intilfu l-oggetti kollha hekk kif allegat mill-awtrici tal-atturi u li ghal dawn id-danni

kien hemm biss imressqa bhala prova l-kelma taghha. Kien f'dan il-kuntest li dik il-Qorti ghamlet likwidazzjoni *arbitrio boni viri*, li minn ezami taghha, jidher li saret b'mod logiku u gust u ghalhekk ser jigi konfermat minn din il-Qorti.

Min-naha l-ohra, in kwantu ghal dak li jinghad mill-atturi appellanti taht l-istess aggravju ta' danni, li l-konvenuti kollha ghandhom jaghmlu tajjeb solidalment bejniethom ghad-danni subiti, peress li ma tistax tigi determinata r-responsabbilta` ta' kull wiehed minnhom, din il-Qorti ssib li dan l-ilment ghandu mis-sewwa. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-gurisprudenza fuq dan il-punt ta' solidarjeta`.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Marzu, 2001, fil-kawza **Gwakkin sive Gino Grech v. Annette Rizzo et**, kien spjegat li peress li ma setax jigi stabbilit liema kienu d-danni attribwibbli lill-konvenuta partikolari u liema kienu dawk attribwibbli lill-konvenuta l-ohra, iz-zewg konvenuti kellhom ikunu ritenuti responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas skont l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. Il-Qorti hemm ghamlet referenza ghal sentenza ohra tat-3 ta' Novembru, 1995, fl-ismijiet **Noel Pisani v. Edwin Vella noe et**.

Hekk ukoll fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005, fil-kawza **Kevin Mifsud v. Sparkasse Bank Malta p.l.c. et** inghad:-

> "Fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova li d-danni kagunati lilu kienu konsegwenza ta' negligenza ta' xi wiehed miz-zewg konvenuti jew tat-tnejn f`daqqa izda dawn tal-ahhar ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement li l-hsara kienet giet kawzata minhabba n-negligenza ta' wiehed minnhom u mhux tal-iehor. F`dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal jidhirlu li ghandu japplika l-Artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi bil-mod segwenti:
>
> > "Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn".
>
> "Fic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jigu dikjarati solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b`riserva ghal kwalsisasi dritt spettanti lilhom fil-konfronti ta' xulxin … Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li kien vizzjat ir-ragonament tat-Tribunal fejn dan irrikorra ghad-dispost ta' l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. B` osservazzjoni generali jrid jinghad li dan id-dispost hu ntiz b` referenza ghall-ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun il-konsegwenza ta' diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru ghall-produzzjoni tad-dannu.
>
> "Jidher li l-iskop fondamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsahhah il-garanzija tad-danneggjat billi takkordalu l-fakolta li jazzjoni lil kull wiehed mis-suggetti responsabbli minghajr il-htiega li jippersegwixxi lil kull wiehed ghal kwota tieghu tal-htija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-kaz li l-ko-awturi tad-dannu jwiegbu skond titoli diversi u, certament, imbaghad, fil-kaz li ma jkunx jista' jigi accertat, bhal f`dan il-kaz, min ikun effettivament ta lok ghad-dannu. Jikkonsegwi illi ghall-fini tar-responsabilita' solidali l-unicita' tal-fatt dannuz hi relattiva unikament ghad-danneggjat u din il-forma ta' responsabilita' ssehh, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilita' li tirrikonoxxi f`liema mizura kull wiehed mill-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz". (Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518). Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal f` dan il-kaz ghamel sewwa li adotta din ir-regola."

Wara li qieset il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fejn ma jistax jigi facilment determinat il-grad ta' responsabbilta` ta' kull wiehed mill-konvenuti, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' din il-parti tal-aggravju tal-atturi appellanti, u tiddikjara lill-konvenuti solidalment responsabbli ghad-danni ikkawzati lill-awtrici tal-atturi.

Jibqa' li jrid jigi ezaminat it-tieni aggravju fl-appell principali tal-kuraturi ghall-konvenut Polidano, li huwa msejjes fuq il-principju ta' *in illiquidis non fit mora*, relattivament ghall-komputazzjoni tal-interessi hekk kif determinati mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravju wkoll peress li huwa ritenut li ladarba t-talba tal-attrici kienet wahda *da liquidarsi*, kif ukoll irrizulta li kien hemm ragunijiet validi sabiex isir tnaqqis mill-pretensjonijiet attrici kif inghad qabel, huwa xieraq li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza u mhux minn qabel. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi fil-kaz ta' proceduri li jinvolvu talba ghall-likwidazzjoni ta' ammont ta' flus dovuti, bhal ma jirrizultaw fil-kawza odjerna, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta permezz ta' sentenza tal-Qorti. Anzi, bhala principju, kwalunkwe debitu li mhuwiex likwidat fil-proceduri inizjali tal-kawza, ma jistax jiddekorri imghax fuqu; fil-fatt l-awtrici tal-atturi ma ssemmi ebda cifra specifika fic-citazzjoni taghha u l-ammont eventwalment pretiz, kien effettivament ridott mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015,

fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et**, peress li l-principji enuncjati fir-rigward, ghandhom japplikaw ukoll fil-kaz odjern:

> "F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet."

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali u mill-appell incidentali billi tilqaghhom it-tnejn *in parte*, kif ser jigi spjegat:

(1) Tikkonferma s-sentenza fejn sabet lill-konvenut Polidano responsabbli ghad-danni;

(2) Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqghu l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-perit Busuttil u tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, u tirriforma dik is-sentenza billi tiddikjara dawn iz-zewg konvenuti solidalment responsabbli flimkien mal-kuntrattur ghall-hsara li sofrew l-atturi;

(3) Tikkonferma l-ewwel sentenza fejn illikwidat id-danni dovuti lill-atturi fis-somma ta' €8,042, b'dan illi tirriformaha sabiex tikkundanna lit-tliet konvenuti solidalment, sabiex ihallsu din is-somma lill-atturi;

(4) Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn kien deciz li l-imghax ghandu jiddekorri mill-31 ta' Mejju, 2002, u tirriformaha sabiex l-imghax jibda jiddekorri mis-16 ta' Marzu, 2012, data tal-ewwel sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza kemm tal-prim istanza, kif ukoll ta' dan it-tieni istanza, ghandhom jithallsu mit-tliet konvenuti solidalment bejniethom, hlief ghall-ewwel eccezzjoni tal-perit Busuttil li tibqa' a karigu tal-werrieta tieghu, hekk kif deciz mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb